Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 135/21/F

Anton Valentino

vs

Calbros Bathrooms Ltd

Illum, 2 ta' Ottubru, 2023

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-11 ta' Awwissu 2021 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata fit-18 ta' Ottubru 2021;

Ra d-dokumenti eżebiti mill-Partijiet;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent qed titlob li jiġi rifuż is-somma ta' **tlett mija u sebgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€347.50)** mill-azjenda intimata rappreżentanti parti mill-prezz li huwa ħallas għal *glass wet-room panel* għar-residenza tiegħu. Jilmenta li din il-ħġieġa hija difettuża għax imxellfa tul żewġ naħat tagħha.

Illi fir-Risposta tagħha, l-azjenda intimata issostni li l-ħġieġa ġiet konsenjata fi stat tajjeb u l-ħsara bil-fors li ġrat waqt l-installazzjoni. Għalhekk, fost kummenti oħrajn, tgħid li hija ma għandha tħallas xejn lir-Rikorrent.

Illi huwa fatt paċifiku illi l-ħġieġa in kwistjoni hija afflitta minn tixlif tul żewġ naħat tagħha. Il-punt kontrovers huwa kif ġie kkawżat dan it-tixlif u ċioè jekk huwiex difett tal-manifattura jew jekk ġiex ikkawżat waqt l-installazzjoni tagħha wara li kient ġiet konsenjata lir-Rikorrent mill-azjenda intimata.

Illi r-Rikorrent spjega li l-ħġieġa in kwistjoni ġiet mixtrija għall-prezz totali ta' sitt mija u ħamsa u disgħin Euro (€695). Jargumenta li kieku dawn id-daqqiet ossija tixlif ġew ikkawżati waqt l-installazzjoni, ladarba l-ħġieġa hija *tempered glass*, din kienet tirrispondi għad-daqqa billi tinkiser f'ħafna biċċiet żgħar u mhux tiżviluppa tixlif kif fil-fatt hemm preżenti. Saħaq bil-ġurament illi waqt l-installazzjoni, il-ħġieġa ma kellhiex impatti u li allura, mhux minnha l-allegazzjoni tal-azjenda intimata li ġiet danneġġjata waqt l-installazzjoni. Isostni li huwa dispost illi jżomm il-ħġieġa kif inhi imma jippretendi li għandu jiġi rifuż nofs il-valur tagħha tenut kont tad-difett.

Illi fix-xhieda tiegħu, Paul Zarb, l-importatur tal-ħġieġa, jispjega li mar fuq il-post u li l-ħġieġa kellha xifer imxellef. Kien offra li din tiddawwar fuq in-naħa opposta u nstab li ankè dik in-naħa kienet imxellfa. Jikkonferma li l-ħġieġa hija tabilħaqq *tempered glass*.

Illi t-Tribunal jirreferi ukoll għax-xhieda mogħtija mid-diriġent tal-azjenda intimata Sonia Gauci. Joħroġ ċar li din ma marritx fir-residenza tar-Rikorrent biex jispezzjona l-ħġieġa u allura huwa kemmxejn stramb kif fir-Risposta tikkonkludi li din kienet imwaħħla f'postha bis-*silicone*, fatt li r-Rikorrent jinnega kategorikament bil-ġurament! Dan il-punt huwa relevanti *ai fini* ta' determinazzjoni ta' kredibilità.

Illi l-verżjonijiet rispettivi tal-Partijiet f'din il-vertenza huma dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati taghna jghallmu li "il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax

dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Bugeja vs Charles Falzon et,*** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru 2013), il-Qorti tghid li "fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

Illi wara li qies u evalwa l-provi kollha prodotti mill-Partijiet, it-Tribunal iqis li fuq bażi ta' probabbilitajiet, il-verżjoni tar-Rikorrent hija dik l-aktar attendibbli u verosimili u jasal għall-konklużjoni li l-ħġieġa in kwistjoni hija afflitta minn difett tal-manifattura.

Illi jifdal jiġi trattat ir-rimedju. L-azzjoni odjerna ma tistax tiġi meqjusa għajr dik magħrufa bħala *actio æstimatoria* li hija intiża sabiex tinġabar lura parti mill-prezz imħallas għall-oġġett li jinstab li huwa difettuż. L-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. Ovvjament, f'dan il-każ, ladarba r-Rikorrent iddikjara li jrid iżomm il-ħġiega, ma jistax jiġi terminat il-kuntratt u r-rimedju li jibqa' disponibbli huwa dak tar-riduzzjoni proporzjonata fil-prezz.

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi a bażi tal-premess, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal qiegħed iqis illi t-talba ta' tlett mija u sebgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€347.50) li jekwivali għal nofs il-prezz imħallas għall-ħġieġa huwa "tnaqqis proporzjonat fil-prezz" ġust u ser jgħaddi biex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha, jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' tlett mija u sebgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€347.50).

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru